KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 9.8.2006
KUMM(2006) 449 finali

2006/0153 (ACC)
2006/0154 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim b'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim milħuq mill-KE wara negozjati fi ħdan il-qafas ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jissupplimenta l-Annex I tar-Regolament (KEE) Nr 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u statistika u t-Tariffa Doganali Komuni.

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fil-kuntest tat-tkabbir ta' l-unjoni doganali d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT jobbligaw lill-KE li tidħol f'negozjati ma' pajjiżi terzi li għandhom drittijiet li jinnegozjaw f'kull wieħed mill-Membri li qegħdin fil-proċess ta' adeżjoni sabiex jiftiehmu dwar aġġustament kompensatorju f'każ li l-adozzjoni tar-reġim tat-tariffi esterni tal-KE tirriżulta f'żieda fit-tariffa li taqbeż il-livell li għalih il-pajjiż fil-proċess ta' adeżjoni rabat lilu nnifsu fid-WTO, filwaqt li "tikkunsidra b'mod xieraq it-tnaqqis tad-dazji fuq l-istess linja ta' tariffa kkawżati minn kostitwenti oħra ta' l-unjoni doganali waqt it-twaqqif tagħha".

2. Fit-22 ta' Marzu 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994 (il-proposta COM 6792/04 WTO 34).

3. In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas ta' direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

4. Il-Kummissjoni nnegozjat mal-Membri tad-WTO li għandhom drittijiet ta' negozjar relatati ma' l-irtirar ta' konċessjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' l-irtirar ta' l-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka, matul l-adeżjoni fil-Komunità Ewropea.

5. In-negozjati rriżultaw fi Ftehim b'forma ta' skambju ta' ittri ma' l-Urugwaj.

6. Din il-proposta titlob lill-Kunsill japprova dan il-Ftehim.

2006/0153 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim b'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Marzu 2004 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' ċerti Membri oħra tad-WTO taħt l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT ta' l-1994, matul l-adeżjoni fil-Komunità Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tat-Trattat u fi ħdan il-qafas ta' direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

(3) Il-Kummissjoni ffinalizzat in-negozjati dwar Ftehim b'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj. Il-Ftehim għandu jkun approvat.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim b'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj rigward it-tneħħija ta' konċessjonijiet speċifiċi relatati mat-tneħħija ta' l-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' adeżjoni fil-Komunità Ewropea; huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuna(i) li jkollha/jkollhom is-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim b'forma ta' Skambju ta' Ittri msemmi fl-Artikolu 1 sabiex tkun marbuta l-Komunità.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

FTEHIM

B'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj

relatat mal-modifikazzjoni tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' adeżjoni fil-Komunità Ewropea.

Ittra mill-Komunitajiet Ewropej

Ġinevra,

Sinjur,

Wara l-bidu ta' negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej (KE) u l-Urugwaj bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifikazzjoni tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fl-KE, dan li ġej kien miftiehem bejn il-KE u l-Urugwaj bl-iskop li jkunu magħluqa n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar 2004 skond l-Artikolu XXIV:6 (GATT):

Il-KE għandha tinkorpora fl-iskeda CLX tagħha, għat-territorju doganali tal-KE 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tagħha.

Il-KE għandha taġġusta d-definizzjoni ta' kwota ta' rata ta' tariffa ta' l-KE ta' 4000 tunnellata għal-'laħam ta' kwalità għolja ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew tal-friża' kif allokata lill-Urugwaj.

Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta jkun iffirmat, wara li tingħata l-approvazzjoni mill-partijiet b'konformità mal-proċeduri tagħhom.

F'isem il-Komunità Ewropea

FTEHIM

B'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj

relatat mal-modifikazzjoni tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul il-proċess ta' adeżjoni fil-Komunità Ewropea.

Ittra mill-Urugwaj

[post],

Sinjur,

B'referenza għall-ittra tiegħek li tiddikjara:

"Wara l-bidu ta' negozjati bejn il-Komunitajiet Ewropej (KE) u l-Urugwaj bis-saħħa ta' l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-GATT 1994 dwar il-modifikazzjoni tal-konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka matul l-adeżjoni tagħhom fil-KE, dan li ġej kien miftiehem bejn il-KE u l-Urugwaj bl-iskop li jkunu magħluqa n-negozjati miftuħa wara n-notifika tal-KE tad-19 ta' Jannar 2004 skond l-Artikolu XXIV:6 (GATT):

Il-KE għandha tinkorpora fl-iskeda CLX tagħha, għat-territorju doganali tal-KE 25, il-konċessjonijiet li kienu inklużi fl-iskeda preċedenti tagħha.

Il-KE għandha taġġusta d-definizzjoni ta' kwota ta' rata ta' tariffa ta' l-KE ta' 4000 tunnellata għal-'laħam ta' kwalità għolja ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew tal-friża' kif allokata lill-Urugwaj.

Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta jkun iffirmat, wara li tingħata l-approvazzjoni mill-partijiet b'konformità mal-proċeduri tagħhom."

Għandi hawnekk l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi

F'isem l-Urugwaj

ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA					
					ID-DATA: xxxxxx
1.	L-INTESTATURA TAL-BAĠIT: Kapitolu 10 – Dazji Agrikoli				L-APPROPRJAZZJONIJIET: 0 M€
2.	IT-TITOLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill wara l-konklużjoni ta' Ftehim b'forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj relatati ma' l-aġġustament kompensatorju kif ipprovdut bl-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.				
3.	BAŻI LEGALI: L-Artikolu 133 tat-Trattat				
4.	L-GĦANIJIET: Li jkun osservat l-Artikolu X tal-GATT 1994 relatat mat-tkabbir ta' l-Unjoni Doganali mill-1 ta' Mejju 2004.				
5.	L-IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (miljun EUR)	SENA FINANZJARJA ATTWALI [n] (miljun EUR)		SENA FINANZJARJA LI ĠEJJA [n+1] (miljun EUR)
5.0	IN-NEFQA - MGĦODDI LILL-BAĠIT TAL-KE(ĦLAS LURA/INTERVENTI) - L-AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN				
5.1	ID-DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-KE(TAXXI/DAZJI DOGANALI - NAZZJONALI		0 M€		
		[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5]
5.0.1 5.1.1	IN-NEFQA STMATA ID-DĦUL STMAT				
5.2	IL-METODU TAL-KALKOLU:				
6.0	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MINN APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT ATTWALI?				N/A
6.1	IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MINN TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT ATTWALI?				N/A
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?				LE
6.3	L-APPROPRJAZZJONIJIET SE JKOLLHOM JIDDAĦĦLU F'BAĠITS FUTURI?				LE
KUMMENTI:					

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(1) Qed issir referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill XXXX, dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ma' l-Urugwaj wara negozjati fi ħdan il-qafas ta' l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

(2) Din il-proposta għal Regolament tal-Kunsill timplimenta l-Ftehim li l-Komunità daħlet għalih.

2006/0154 (ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim milħuq mill-KE wara negozjati fi ħdan il-qafas ta' l-Artikolu XXIV.6 tal-GATT 1994, li jissupplimenta l-Annex I tar-Regolament (KEE) Nr 2658/87 dwar in-nomenklatura tariffarja u statistika u t-Tariffa Doganali Komuni.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87(1) li jistabbilixxi nomenklatura għall-merkanzija, minn issa 'l quddiem imsejħa bħala "In-Nomenklatura Magħquda", u li jiffissa r-rati ta' taxxi konvenzjonali tat-Tariffa Doganali Komuni.

(2) Bid-deċiżjoni tiegħu XX/XXX/KE dwar il-konklużjoni ta' Ftehimiet b'forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Urugwaj, il-Kunsill approva, f'isem il-Komunità, il-Ftehim imsemmi hawn fuq bil-ħsieb li jingħalqu n-negozjati li bdew skond l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT 1994.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 l-Anness I għandu jiġi emendat.

L-Anness 7 tat-Taqsima III tal-Parti tlieta (kwoti WTO jinfetħu mill-awtoritajiet Kompetenti tal-Komunità) se jiġi emendat kif ġej:

a) Aġġustament tad-definizzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja ta' 4000 tunnellata 'Laħam bla għadam ta' kwalità għolja, frisk, imkessaħ jew tal-friża: "Ċanga speċjali jew ta' kwalità tajba minn bhejjem li jirgħu esklużivament b'piż li ma jaqbiżx 460 kilogramm ta' laħam ħaj fil-biċċeria, imsejjaħ "ċanga speċjali ppakkjata. Dawn il-biċċiet jistgħu jkollhom miktub fuqhom "sc" (special cuts - biċċiet speċjali)" sa 'Laħam bla għadam ta' kwalità għolja ta' annimali bovini, frisk, imkessaħ jew tal-friża'

b) Taħt 'patti u kondizzjonijiet' jidħol it-test: 'Pajjiż ta' provvista Urugwaj'.

---

[1] ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President